MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
SILVIO MELI**

Seduta tat-23 ta' Gunju, 2009

Avviz Numru. 31/2006

**Alpha Farma Limited**

**vs**

**Felix Agius**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors fuq indikat datat l-20 ta' Jannar tas-sena 2006 li permezz tieghu s-socjeta` rikorrenti sejhet lill-intimat quddiem din il-qorti sabiex jghid ghaliex m'ghandux ikun ikkundannat:

1. Illi prevja dikjarazzjoni li l-intimat ppubblika artikolu taht it-titolu "Fil-Grecja 75c, F'Malta Lm2.65", fl-

edizzjoni tal-Hadd, l-ghoxrin (20) ta' Novembru tas-sena 2005, tal-gazzetta *Kulhadd,* liema dikjarazzjoni kien jaf, jew bid-diligenza xierqa seta' jkun jaf, li hi falza u li x'aktar taghmel hsara lil xi negozju jew proprjeta` tas-socjeta` rikorrenti, ihallas lill-istess socjeta` minbarra d-danni li tista' tkun ikkundannata thallas taht xi ligi ohra li tkun issehh dwar kull telf jew hsara attwali, somma ta' mhux izjed minn hamest elef Lira Maltin, (LM5,000.00,0), li tigi stabbilita minn din il-qorti u dan ai termini ta' l-artikolu 29 ta' l-Att dwar l-Istampa, Kap. 248 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut li hu minn issa ngunt in subizzjoni, u b'riserva ghal kull azzjoni ohra spettanti lis-socjeta` rikorrenti;

Rat ir-risposta datata d-9 ta' Marzu tas-sena 2006 li premezz taghha wiegeb:

1. Illi qabel xejn ghandu jigi ppruvat li Felix Agius, fid-data li gie ppublikat l-artiklu, huwa kien l-editur tal-gurnal in kwistjoni;

2. Illi l-artiklu de quo jikkostitwixxi `*fair comment*` f'socjeta` demokratika u l-verita` tal-fatti, hekk kif se jigi ppruvat waqt is-smiegh u t-trattazzjoni ta' din il-kawza;

3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat ir-risposta ulterjuri datata l-5 t'April tas-sena 2006 li permezz taghha wiegeb ulterjorment illi l-istanza kif proposta mhix guridikament possibbli essendo li tali azzjoni tispetta solament lill-persuni fizici;

Rat id-decizjoni preliminari taghha datata t-28 ta' Novembru tas-sena 2007, fejn ordnat il-prosegwiment tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat id-dokumenti esebiti ;

Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentant legali ta’ l-intimat;

Ikkunsidrat:

Illi l-procedura odjerna hi allura issa limitata ghall-ewwel zewg talbiet attrici, senjatament id-danni minnha sollevata u l-malafama;

Ikkunsidrat;

Illi l-fatti li allura taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti;

1. Illi s-socjeta` rikorrenti hassitha malafamata b’artikolu ippubblikat mill-intimat fil-gazzetta settimanali “Kulhadd” fil-harga taghha ta’ l-20 ta’ Novembru tas-sena 2005, bit-titolu “Fil-Grecja 75c, F’Malta LM2.65”;

2. Illi l-istess socjeta` rikorrenti sostniet li kieku l-istess intimat uza d-diligenza xierqa fl-ezercizzju tal-professjoni tieghu hu seta` jkun jaf li tali affermazzjoni kienet wahda “falza” u li x’aktarx kienet taghmel hsara lis-socjeta` rikorrenti;

3. Illi jirrizulta wkoll li s-socjeta` rikorrenti ghazlet li ma tippartecipax f’din il-fazi tal-procedura fejn jririzulta li la pproduciet provi fil-konfront ta’ l-allegazzjonijiet taghha u lanqas ghazlet li tkun prezenti fl-udjenza appozitament rizervata ghat-trattazzjoni orali tal-kaz;

Ikkunsidrat:

Illi minn naha tieghu l-intimat sintetikament isostni s-segwenti:

1. Illi l-artikolu meritu ta' din il-procedura kien inizjat minn informazzjoni mibghuta lill-gazzetta de quo minn qarrej taghha li kien mar ikellem lill-editur intimat fuq il-kwistjoni sollevata fl-artikolu in dizamina;

2. Illi f'din l-okkazzjoni jirrizulta li dan il-qarrej kien ha mieghu pakkett tal-medicina bl-isem ta' Anaframil mixtri lokalment li kellu mwahhal fuqu l-prezz ta' zewg Liri Maltin u hamsa u sittin centezmu (LM2.65,0), u pakkett iehor ta' l-istess medicina ta' l-istess daqs, izda mixtri mill-Grecja, li l-prezz imwahhal fuqu kien dak ta' Ewro u erbgha u sebghin centezmu (€1.74);

3. Illi jirrizulta li meta l-qarrej kien gie a konjizzjoni ta' din id-diskrepanza notevoli fil-prezz ghall-istess oggett ta' l-istess kwantita` dan kien gab din id-diskrepanza ghall-attenzjoni ta' l-editur de quo;

4. Illi jirrizulta wkoll li l-istess editor intimat kien ghamel il-verifiki tieghu qabel m'ghadda ghall-pubblikazzjoni u s-sors tieghu fil-Grecja kien informah li l-fatti li kienu mghoddija lilu mill-qarrej fuq riferit kienu ezatti;

5. Illi di piu` jirrizulta wkoll li r-ritratt marbut ma' l-artikolu meritu ta' din il-procedura hu ritratt tal-istess pakketti meritu ta' din il-procedura u li fuqhom setghu jsiru l-paragruni tal-prezzijiet;

6. Illi stante li l-fatti allegati huma minnhom, u stante li l-analizi kontenut fl-artikolu de quo hu wiehed legittimu, allura l-intimat qed jirrespingi t-talbiet tar-rikorrent;

Ikkunsidrat:

Illi preliminarjament ghandu jigi sottolineat il-principju li: "min jallega jrid jipprova";

Illi ghandu jkun pacifiku li l-latitanza tas-socjeta` rikorrenti f'din il-procedura hi inkwetanti stante li timmilita favur il-

formazzjoni ta’ l-idea li effettivament meta wiehed jekwipara l-intervent gudizzjarju taghha man-nuqqas taghha li ssostni l-procedura inizjata minnha stess, allura din kienet biss manuvra dilatorja li l-iskop taghha kien biss li tabbuza mill-process gudizzjarju ghal finijiet taghha;

Illi ghalkemm li fl-att promotur taghha s-socjeta` rikorrenti ssollevat zewg intimazzjonijiet, senjatament id-danni kkagunati u l-malafama, jirrizulta li bl-assenza taghha fil-procedura ma setghet tipprova l-ebda wahda minn dawn l-allegazzjonijiet;

Ikkunsidrat:

Illi kif ritenut mill-massimi antiki u ppruvati li: “*iudex iudicare debet secundum probatae et alligata”* u “*actore non probante, reus absolvitur”* ghandu jkun pacifiku li s-socjeta` rikorrenti ma forniet l-ebda referenza rigwardanti t-talbiet taghha fuq indikati u ghalhekk jirrizulta li ma saret l-ebda prova fir-rigward ta’ l-allegazzjonijiet indirizzati fid-direzzjoni ta’ l-intimat;

Ikkunsidrat:

Illi di piu` ghandu jinghad li d-difiza bi-polari sollevata mill-intimat tistrieh fuq il-kumment gust tieghu f’socjeta` demokratika u fuq il-veridicita` tal-fatti;

Illi fir-rigward ta’ l-ewwel difiza ssir referenza ghall-kawza **Miller vs Scorey,** Volum XXXVI.IV p.843 fejn jintqal:

*“…il-fatt ghandu jigi ppruvat. Il-“comment” biex ikun gustifikat irid ikun “fair and bona fide”, u ma jistax ikun “fair and bone fide” jekk il-fatt attribwit ma jkunx veru”;*

Illi ghalhekk din id-difiza bi-polari fuq riferita hi in effetti munita b’zewgt ucuh – liema ucuh iridu jkunu prezenti biex dik il-munita tkun tista’ tigi meqjusa bhala valuta legittima;

Illi in effetti jirrizulta li l-intimat ma strahx biss fuq l-allegazzjoni li saritlu mill-qarrej tieghu;

Illi lanqas ma strah fuq il-fatt li l-istess qarrej ipprezentalu l-istess medicina – wahda mixtrija lokalment u l-ohra mixtrija mill-Grecja;

Illi lanqas ma strah fuq il-valuta indikata fuq il-pakketti rispettivi li nzertaw differenti minn xulxin stante li dak iz-zmien Malta ma kinitx ghadha adottat il-munita Ewro;

Illi jirrizulta minflok li l-istess editor intimat kkonduca l-istharrig indipendenti tieghu biex jivverifika l-allegazzjoni li saritlu u li kien biss wara l-konforma ta' l-istess li bhala editur responsabbli ghazel li jippubblika l-artikolu de quo;

Ikkunsidrat:

Illi jirrizulta ghalhekk li d-difiza sollevata mill-intimat hi ampjament ipprovata u hi grazzi ghal din l-inizjattiva investigattiva lodevoli li l-pubbliku, f'dan il-kaz partikolari, sar forsi konxju li kien qieghed ikun kostrett ihallas f'Malta prezz oghla ta' l-istess oggett jekk mixtri mill-Grecja;

Illi hi hsara li dan l-istat ta' fatt hawn riskontrat juri li nonostante li f'Malta jezistu wkoll agenziji regolatorji appozitament statutorjament stanzjati biex jittutelaw lill-konsumatur Malti, u dan kemm tramite l-Ufficcju tal-Kompetizzjoni Gusta u kemm tramite r-Regolatur tal-Medicini, dawn l-istituzzjonijiet jirrizultaw abbundantement aljenati b'mansjonijiet irrillevanti ghad-detriment tal-istess konsumatur u kellu jkun semplici qarrej okkazzjonali li jwassal dan l-istat ta' fatt quddiem il-kuxjenza pubblika;

Ikkunsidrat;

Illi tenut kont tas-suespost issir referenza ghall-Kassazzjoni Taljana tat-13 ta' Frar tas-sena 2002, Numru 2066, li rriteniet li d-difiza bi-polari fuq indikata hi lecita meta jkun hemm is-segwenti kondizzjonijiet:

1. *"… la verita` dei fatti esposti, che possa essere oggettiva o anche soltanto putative, purche` frutto di un serio e diligente lavoro di ricerca, e che e` esclusa quando vengono riferiti fatti veri, ma incomplete"*;

2. *"…l'interesse pubblico alla conoscenza del fatto oggetto della cronaca (cosi deta pertinenza);*

3. *"…la correttezza dall'esposizione (cosi detta, continenza);* (ara Sammut vs Caruana Galizia et. Qorti ta' l-Appell, 9 ta' Jannar, 2008, per Onor. Imhallef Philip Sciberras);

Illi del resto ghandu jinghad ukoll li s-suespost hu effettivament il-bazi li fuqu l-qrati lokali jistriehu biex jaffermaw il-principju li f'materja ta' reati ta' l-istampa, wiehed ikun ezonorat mir-responsabbilita` ta' dak li jigi ppublikat meta jipprova li dak riprodott hu proprju l-fatti li jirrizultaw kif kienu sewwa, (ara fir-rigward Hedley et nomine vs Tabone et tas-27 ta' Gunju ta' l-1953; Mintoff vs Hedley et nomine tat-28 ta' Novembru ta' l-1953; Buttigieg vs Montanaro tal-15 ta' Dicembru ta' l-1964 u Portelli vs Ghirxi et tas-26 t'April tas-sena 2002;

Illi din il-qorti hi ghalhekk sodisfatta li fl-esposizzjoni gurnalistika in dizamina l-artikolist editur intimat issodisfa t-tlett rekwiziti sintetikament riprodotti aktar qabel;

Ikkunsidrat;

Ghaldaqstant, tenut kont tas-suespost, din il-qorti hi sodisfatta li ghalkemm is-socjeta` tallega li sofriet xi danni u li hassitha malafamata ai termini tal-Kap 248 bil-kontenut ta' l-artikolu u ritratt in dizamina, pero` jirrizulta li bl-aktar mod lampanti u minghajr l-ebda gustifikazzjoni naqset li taghmel anke dak l-isforz minnu biex tipprova dawn l-allegazzjonijiet skont il-ligi u li konsegwentement, filwaqt li ghar-ragunijiet fuq esposti aktar 'l fuq tilqa' t-twegibiet jew eccezzjonijiet sollevati mill-intimat, tirrespingi t-talbiet attrici bl-ispejjez.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------